**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Haber]**

**vs**

**Arben Palushi**
**Lavdrim Doci**

**Illum, 19 ta' April, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Arben Palushi detentur ta' passaport Albaniz numru BE7395672 u Lavdrim Doci detentur ta' passaport Albaniz numru BJ5448599.

Akkuzati talli fis-17 ta' April 2018 f'dawn il-gzejjer iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'Karti ta' l-Identità Taljani jew uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom id-dokument imsemmija li huma kienu jafu li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom fl-ismijietta' Giovanni Ruffo bin-numru AY8694026 u Angelo Diana bin-numru AX3497274 rispettivament. (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta)

Kif ukoll akkuzati talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija. (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta)

Kif ukoll akkuzati talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni. (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat li l-imputati Arben Palushi u Lavdrim Doci ammettew l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom u kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Art. 5 tal-Kap. 61, l-Art. 189 tal-Kap. 9 u l-Art. 32(1d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputati Arben Palushi u Lavdrim Doci hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom u tikkundannahom ghal xahrejn (2) prigunerija kull wiehed.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**